SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla)

31 ta' Marzu 2011 *

Fil-Kawża C-407/09,

li għandha bħala suġġett rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu taħt l-Artikolu 228 KE, ippreżentat fit-22 ta' Ottubru 2009,

Il-Kummissjoni Ewropea, irrappreżentata minn M. Condou-Durande u A.-M. Rouchaud-Joët, bħala aġenti, b'indirizz għan-notifika fil-Lussemburgu,

rikorrenti,

vs

Ir-Repubblika Ellenika, irrappreżentata minn K. Samoni-Rantou u N. Dafniou, bħala aġenti, b'indirizz għan-notifika fil-Lussemburgu,

konvenuta,

* Lingwa tal-kawża: il-Grieg.

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla),

komposta minn A. Tizzano, President tal-Awla, J.-J. Kasel (Relatur), M. Ilešič, M. Safjan u M. Berger, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: J. Mazák,
Reġistratur: L. Hewlett, Amministratur Prinċipali,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tas-16 ta' Settembru 2010,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tas-16 ta' Diċembru 2010,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 Permezz tar-rikors tagħha, il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja:

— tikkonstata li, billi naqset milli tadotta l-miżuri neċessarji sabiex teżegwixxi s-sentenza tat-18 ta' Lulju 2007, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja, (C-26/07), li permezz tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, billi ma adottatx, fit-terminu previst, il-liġijiet, ir-regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex tikkonforma ruħha mad-Direttiva tal-Kunsill Nru 2004/80/KE, tad-29 ta' April 2004, li għandha x'taqsam ma' kumpens għal vittmi ta' delitti (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 7, p. 65), ir-Repubblika Ellenika naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt din id-direttiva, dan l-Istat Membru naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt l-Artikolu 228(1) KE;

— tordna lir-Repubblika Ellenika sabiex tħallas lill-Kummissjoni, fil-kont "Riżorsi proprji tal-Komunità Ewropea", il-pagament ta' penalità propost tal-ammont ta' EUR 72 532,80 għal kull jum ta' dewmien sabiex tadotta l-miżuri neċessarji sabiex teżegwixxi s-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Greċja, iċċitata iktar 'il fuq, mill-jum li fih tingħata s-sentenza fil-kawża preżenti sal-jum li fih tiġi eżegwita l-imsemmija sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Greċja;

— tordna lir-Repubblika Ellenika sabiex tħallas lill-Kummissjoni, fl-istess kont, is-somma f'daqqa li l-ammont tagħha jinkiseb billi jiġi mmultiplikat l-ammont ta' EUR 10 512 bin-numru ta' jiem ta' dewmien li jingħaddu mill-jum li fih ingħatat

is-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Greċja, iċċitata iktar 'il fuq, sal-jum li fih tingħata s-sentenza fil-kawża preżenti, jew il-jum li fih jittieħdu l-miżuri neċessarji għall-eżekuzzjoni tal-imsemmija sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Greċja, jekk dan iseħħ qabel; u

— tikkundanna lir-Repubblika Ellenika għall-ispejjeż.

Is-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Greċja

2 Fil-25 ta' Jannar 2007, il-Kummissjoni ppreżentat rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu kontra r-Repubblika Ellenika, skont l-Artikolu 226 KE, minħabba l-fatt li din tal-aħħar ma kinitx wettqet it-traspożizzjoni tad-direttiva fl-ordinament ġuridiku tagħha, li t-terminu għat-traspożizzjoni inizjalment stabbilit tagħha kien l-1 ta' Lulju 2005.

3 Fil-punt 1 tad-dispożittiv tas-sentenza, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja, iċċitata iktar 'il fuq, il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat:

"Billi ma adottatx, [fit-terminu previst], il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex tikkonforma ruħha mad-[direttiva], ir-Repubblika Ellenika naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt din id-direttiva."

Il-proċedura prekontenzjuża

4 Fid-29 ta' Frar 2008, il-Kummissjoni bagħtet ittra ta' intimazzjoni lir-Repubblika Ellenika fejn talbitha sabiex tikkomunikalha l-miżuri adottati minnha sabiex tikkonforma mas-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Greċja, iċċitata iktar 'il fuq.

5 Fir-risposta tagħha, tal-10 ta' Settembru 2008, dan l-Istat Membru indika biss li abbozz ta' liġi intiż sabiex itemm in-nuqqas ikkonstatat kien jinsab fil-fażi ta' redazzjoni finali.

6 Billi konstatat li r-Repubblika Ellenika kienet għadha ma eżegwietx is-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Greċja, iċċitata iktar 'il fuq, fit-23 ta' Settembru 2008, il-Kummissjoni indirrizzat lil dan l-Istat Membru opinjoni motivata li fiha stiednet lil dan tal-aħħar sabiex jadotta l-miżuri neċessarji sabiex jikkonforma ruħu mal-imsemmija sentenza f'terminu ta' xahrejn, mill-ġurnata li fiha jirċievi din l-opinjoni motivata. F'din l-opinjoni, il-Kummissjoni ġibdet ukoll l-attenzjoni tar-Repubblika Ellenika għas-sanzjonijiet pekunjarji li l-Qorti tal-Ġustizzja tista' timponi, skont l-Artikolu 228(2) KE, fuq Stat Membru li ma jikkonformax ma' sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea li tikkonstata nuqqas.

7 Fl-10 ta' Settembru 2009, wara li ġew skambjati diversi ittri, ir-Repubblika Ellenika informat lill-Kummissjoni bil-fatt li, minħabba l-elezzjonijiet leġiżlattivi qabel iż-żmien, il-Parlament Grieg kellu, fis-7 ta' Settembru 2009, jinterrompi x-xogħol tal-adozzjoni tal-liġi intiża sabiex tiżgura t-traspożizzjoni tad-direttiva. Fil-Greċja, l-elezzjonijiet Parlamentarji jimplikaw li l-abbozzi ta' liġijiet kollha li jkunu qed jiġu adottati għandhom jiġu rrinvijati lill-amministrazzjoni fid-dawl li tinfetaħ mill-ġdid

il-proċedura leġiżlattiva wara l-elezzjoni tal-membri tal-Parlament il-ġdid, u dan iseħħ, tkun liema tkun il-fażi ta' adozzjoni li jkunu jinsabu fihom dawn l-abbozzi.

8 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Kummissjoni ddeċidiet li tippreżenta dan ir-rikors.

L-iżviluppi li seħħew fil-kors ta' din il-proċedura

9 Fid-18 ta' Diċembru 2009 ġiet ippubblikata, fil-Ġurnal Uffiċjali tar-Repubblika Ellenika, il-Liġi Nru 3811/2009 (FEK A' 231/18.12.2009), li tiżgura, skont l-Istat Membru konvenut, l-eżekuzzjoni kompleta tas-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Greċja, iċċitata iktar 'il fuq.

10 Il-Kummissjoni, wara li eżaminat il-kontenut tal-imsemmija liġi, fir-replika tagħha kkunsidrat li r-Repubblika Ellenika kienet ikkonformat il-leġiżlazzjoni tagħha mas-sentenza, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja, iċċitata iktar 'il fuq.

11 Konsegwentement, il-Kummissjoni tirrinunzja għat-talba sabiex jiġu ffissati pagamenti ta' penalità. Madankollu hija żammet it-talba tagħha fir-rigward tal-ħlas ta' somma f'daqqa.

Fuq in-nuqqas

L-argumenti tal-partijiet

12 Fir-rigward tan-nuqqas allegat, il-Kummissjoni tfakkar li, skont l-Artikolu 228(1) KE, jekk il-Qorti tal-Ġustizzja ssib li Stat Membru jkun naqas li jwettaq xi obbligazzjoni taħt it-Trattat KE, dan l-Istat Membru jkun marbut li jieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex jikkonforma mas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja. Fir-rigward tat-terminu li fih għandha sseħħ l-eżekuzzjoni ta' tali sentenza, il-Kummissjoni tippreċiża li minn ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li, il-ħtieġa ta' applikazzjoni immedjata u uniformi tad-dritt tal-Unjoni teżiġi li din l-eżekuzzjoni tibda immedjatament u tintemm fl-iqsar żmien possibbli.

13 Sa fejn, fil-kawża preżenti, ma huwiex ikkontestat li, fl-iskadenza tat-terminu ffissat fl-opinjoni motivata tat-23 ta' Settembru 2008, ir-Repubblika Elennika kienet għadha ma adottatx il-miżuri leġiżlattivi neċessarji għall-eżekuzzjoni tas-sentenza, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja, iċċitata iktar 'il fuq, in-nuqqas allegat huwa stabbilit b'mod ċar.

14 Ir-Repubblika Ellenika ma tikkonstatx li hija ma adottatx il-miżuri inkwistjoni fit-terminu stabbilit fl-imsemmija opinjoni motivata. Sabiex jiġġustifika dan in-nuqqas, dan l-Istat Membru jsostni li kien ġie kkonfrontat b'ċirkustanzi imprevedibbli, marbuta, b'mod partikolari, mir-riċerka ta' riżorsi għall-ħlas tal-kumpensi previst fil-kuntest tas-sistema implementata mid-direttiva u minħabba li ssejħu l-elezzjonijiet leġiżlattivi qabel iż-żmien. Minħabba dan, l-abbozz ta' liġi, li l-proċedura ta' approvazzjoni tiegħu mill-Parlament Grieg kienet f'fażi avvanzata sew, kellu jerġa'

jintbagħat lid-dipartimenti kompetenti tal-amministrazzjoni sabiex jiġi suġġett, għal darba oħra, għall-istess proċedura quddiem il-Parlament il-ġdid.

15 Ir-Repubblika Ellenika tikkunsidra li, sa fejn il-Kummissjoni ġiet debitament informata kemm bil-progress tal-proċedura tal-adozzjoni tal-abbozz ta' liġi inkwistjoni, u kemm bl-organizzazzjoni tal-elezzjonijiet leġiżlattivi qabel iż-żmien, din l-istituzzjoni kisret l-obbligu ta' kooperazzjoni leali li hija għandha, billi ppreżentat dan ir-rikors, ftit qabel l-adozzjoni tal-liġi li ttemm in-nuqqas. Minħabba dan, hemm lok li dan ir-rikors jiġi miċħud.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

16 Għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-eżistenza ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligu għandha tiġi evalwata skont kif kienet is-sitwazzjoni tal-Istat Membru fi tmiem tal-perijodu stabbilit fl-opinjoni motivata u li l-bidliet sussegwenti ma jistgħux jittieħdu inkunsiderazzjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja, anki meta dawn jikkostitwixxu traspożizzjoni tajba tar-regola tad-dritt tal-Unjoni li hija s-suġġett tar-rikors għan-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-3 ta' Diċembru 2009, Il-Kummissjoni vs Il-Belġju, C-475/08, Ġabra p. I-11503, punt 30, u tad-9 ta' Diċembru 2010, Il-Kummissjoni vs Spanja, C-340/09, punt 39).

17 Hekk kif ammettiet ir-Repubblika Ellenika, il-miżuri leġiżlattivi neċessarji sabiex tiġi żgurata l-eżekuzzjoni tas-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Greċja, iċċitata iktar 'il fuq, ġew deċiżi biss bl-adozzjoni tal-Liġi 3811/2009, tat-18 ta' Diċembru 2009, u għaldaqstant, ferm wara t-terminu ta' xahrejn stabbilit f'dan ir-rigward fl-opinjoni motivata tat-23 ta' Settembru 2008.

18 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi kkonstatat li, billi naqset milli tadotta, sad-data ta' meta skada t-terminu stabbilit fl-opinjoni motivata maħruġa mill-Kummissjoni fit-23 ta' Settembru 2008, skont l-Artikolu 228 KE, il-miżuri kollha sabiex teżegwixxi s-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Greċja, iċċitata iktar 'il fuq, ir-Repubblika Ellenika naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 228(1) KE.

Fuq is-sanzjoni pekunjarja

L-argumenti tal-partijiet

19 Il-Kummissjoni tikkunsidra li, fid-dawl tad-dewmien u tal-gravità tan-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu li hija akkużat bih ir-Repubblika Ellenika, il-kundanna ta' din tal-aħħar għall-ħlas ta' somma f'daqqa hija ġġustifikata.

20 Fil-fatt, minn naħa, għadda perijodu ta' żmien kunsiderevoli, jiġifieri, 29 xahar, bejn il-pronunzja, fit-18 ta' Lulju 2007, tas-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Greċja, iċċitata iktar 'il fuq, u l-adozzjoni, fit-18 ta' Diċembru 2009, tal-miżuri nazzjonali neċessarji għall-eżekuzzjoni tagħha. Min-naħa l-oħra, in-nuqqas allegat kien partikolarment gravi peress li kien jirrigwarda n-nuqqas ta' traspożizzjoni ta' direttiva li, minħabba l-għan u n-natura tad-dispożizzjonijiet tagħha, għandha implikazzjonijiet transkonfinali, peress li tikkonċerna kemm lill-persuni li jirresjedu fit-territorju Grieg u kif ukoll liċ-ċittadini ta' Stati Membri oħra li huma vittmi ta' atti kriminali waqt l-eżerċizzju tagħhom tad-dritt ta' moviment liberu fil-Greċja.

21 Il-Kummissjoni żżid li, fil-kawża preżenti, jeżistu ċirkustanzi aggravanti li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni wkoll waqt l-iffissar tas-somma f'daqqa.

22 B'hekk, qabel kollox, kemm id-dispożizzjonijiet tad-direttiva u kif ukoll id-dispożittiv tas-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Greċja, iċċitata iktar 'il fuq, huma ċari ħafna u ma jqajmu l-ebda diffikultà ta' interpretazzjoni. Imbagħad, ma teżisti l-ebda problema partikolari marbuta mal-proċedura ta' traspożizzjoni tal-imsemmija direttiva fid-dritt nazzjonali. Fl-aħħar, ir-Repubblika Ellenika rreaġixxiet għall-opinjoni motivata b'dewmien ta' seba' xhur.

23 Waqt is-seduta, il-Kummissjoni pproponiet li jintaqqas l-ammont tas-somma f'daqqa ta' kuljum, li kienet inizjalment iffissat fl-ammont ta' EUR 10 512, għal EUR 10 248. Dan l-ammont inkiseb skont il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni SEG(2005) 1658, tat-13 ta' Diċembru 2005, dwar l-implementazzjoni tal-Artikolu 228 KE, billi ġiet immultiplikata s-somma ta' bażi uniformi ta' EUR 200 bil-koeffiċjent ta' gravità 12 u l-fattur "n", li jammonta, fil-każ tar-Repubblika Ellenika, attwalment għal 4.27 u mhux 4.38. Barra minn hekk, din is-somma f'daqqa ta' kuljum għandha tiġi applikata fuq il-perijodu kollu ta' nuqqas ta' eżekuzzjoni msemmi fil-punt 20 ta' din is-sentenza.

24 L-ewwel nett, ir-Repubblika Ellenika ssostni li, fil-każ preżenti, hija ma kellha tiġi kkundannata għall-ħlas tal-ebda somma f'daqqa. Insostenn tal-pretensjonijiet tagħha, hija tirrileva, qabel kollox, li hija kkonformat mas-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Greċja, iċċitata iktar 'il fuq, li kkonstatat in-nuqqas qabel ma kienet ingħatat is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja skont l-Artikolu 228(2) KE, u fi kwalunkwe każ, fi żmien raġonevoli fid-dawl tad-diffikultajiet ekonomiċi li hija kellha reċentement u li għadha tiffaċċja llum. Imbagħad, hija ssostni li, fil-każ preżenti, ma jeżisti l-ebda riskju ta' reċidività. Fl-aħħar, hija żżid li n-nuqqas allegat ma jistax jiġi kkunsidrat bħala partikolarment gravi peress li l-konsegwenzi tan-nuqqas ta' eżekuzzjoni tal-imsemmija sentenza, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja, fuq l-interessi pubbliċi u privati kienu biss indiretti u ma kellhomx natura reali u effettiva.

25 Sussidjarjament, fil-każ fejn il-Qorti tal-Ġustizzja jkollha madankollu tikkunsidra r-rikors bħala fondat u timponi l-pagament ta' somma f'daqqa fuq ir-Repubblika Ellenika, din tal-aħħar tfakkar li hija l-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tiffissa din is-somma b'mod li din tkun proporzjonata, b'mod partikolari, "mal-kapaċità ta' ħlas" attwali ta' dan l-Istat Membru.

26 F'dan ir-rigward, hija ssostni li l-fattur ta' 4.27 użat mill-Kummissjoni sabiex tesprimi l-kapaċità ta' ħlas tar-Repubblika Ellenika, li ġie ffissat fuq il-bażi ta' data ekonomika dwar is-sena 2008, ma jikkorrispondix għar-realtà ekonomika attwali, peress li l-prodott gross domestiku tal-Greċja reġa' tnaqqas sostanzjalment waqt is-snin 2009 u 2010. Barra minn hekk, il-kapaċità ta' ħlas ta' Stat Membru ma jistax jiġi evalwat b'mod korrett mingħajr ma jittieħdu inkunsiderazzjoni, b'mod partikolari, l-iżbilanċ pubbliku u d-dejn pubbliku ta' dan l-Istat jew ir-rata ta' inflazzjoni rreġistrata għalih.

27 Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, ir-Repubblika Ellenika tqis li s-somma f'daqqa għandha titnaqqas għall-ammont minimu previst mill-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni SEG (2005) 1658 tagħha, jiġifieri EUR 2 190 000. Barra minn hekk, hija talbet waqt is-seduta sabiex tiġi awtorizzata twettaq pagament f'rati, mingħajr interessi, tas-somma f'daqqa li tiġi imposta fuqha, jekk ikun il-każ, bis-sentenza li ser tingħata.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

28 Għandu jitfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddecidiet li, għalkemm l-impożizzjoni ta' pagamenti ta' penalità tidher li hija partikolarment xierqa sabiex tħeġġeġ lil Stat Membru jtemm, fl-iqsar żmien possibbli, nuqqas ta' twettiq ta' obbligu li, fin-nuqqas ta' tali miżura x'aktarx jibqa' jippersisti, l-impożizzjoni tal-ħlas ta' somma f'daqqa iktar hija bbażata essenzjalment fuq l-evalwazzjoni tal-konsegwenzi tan-nuqqas ta' eżekuzzjoni tal-obbligi tal-Istat Membru kkonċernat fuq l-interessi privati u pubbliċi, b'mod partikolari meta n-nuqqas ikun kompla għal żmien twil wara s-sentenza li kienet

inizjalment ikkonstatatu (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tad-9 ta' Diċembru 2008, Il-Kummissjoni vs Franza, C-121/07, Ġabra p. I-9159, point 58).

29 Hija l-Qorti tal-Ġustizzja li għandha, f'kull kawża u skont iċ-ċirkustanzi tal-kawża mressqa quddiemha u kif ukoll skont il-livell ta' persważjoni u ta' dissważjoni li jidhrilha li jkun meħtieġ, tadotta s-sanzjonijiet pekunjarji li jkunu xierqa sabiex jiggarantixxu l-iktar eżekuzzjoni rapida possibbli tas-sentenza li preċedentement ikkonstatat nuqqas ta' twettiq ta' obbligu u sabiex jipprevjenu li ksur simili tad-dritt Komunitarju jerġa' jseħħ (ara s-sentenza Il-Kummissjoni vs Franza, iċċitata iktar 'il fuq, punt 59).

30 Fir-rigward tal-eventwali impożizzjoni ta' ħlas ta' somma f'daqqa għandu jitfakkar ukoll li, f'kull każ, din għandha tiddependi fuq l-elementi kollha rilevanti li jkunu relatati kemm mal-karatteristiċi tan-nuqqas ikkonstatat kif ukoll mal-aġir speċifiku tal-Istat Membru kkonċernat mill-proċedura mibdija abbażi tal-Artikolu 228 KE (ara, b'mod partikolari, is-sentenza Il-Kummissjoni vs Franza, iċċitata iktar 'il fuq, punt 62).

31 F'kull każ, jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li timponi l-ħlas ta' somma f'daqqa, hija għandha, fl-eżerċizzju tas-setgħa diskrezzjonali tagħha, tiffissaha b'mod li tkun, minn naħa, adattata għaċ-ċirkustanzi u, min-naħa l-oħra, proporzjonata għan-nuqqas ikkonstatat kif ukoll għall-kapaċità tal-Istat Membru kkonċernat li jħallas (sentenza tal-4 ta' Ġunju 2009, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja, C-568/07. Ġabra p. I-4505, punt 47).

32 Konsegwentement, sabiex tiġi deċiża l-kwistjoni tal-impożizzjoni ta' somma f'daqqa fuq ir-Repubblika Ellenika, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi kollha tan-nuqqas li hija akkużata bih, u b'mod partikolari l-aġir ta' din tal-aħħar, it-tul tal-ksur u l-gravità tiegħu.

33 B'hekk, fir-rigward, l-ewwel nett, tal-attitudni tal-imsemmi Stat Membru, għandu jiġi rrilevat li l-awtoritajiet Elleniċi rrispondew b'dewmien kbir kemm għall-ittra ta' intimazzjoni u kif ukoll għall-opinjoni motivata. Barra minn hekk, hekk kif jirriżulta mill-ittra tar-Repubblika Ellenika tat-22 ta' Ġunju 2009, huwa stabbilit li, f'din id-data, l-abbozz ta' liġi neċessarja għall-eżekuzzjoni tas-sentenza tat-18 ta' Lulju 2007, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja, iċċitata iktar 'il fuq, kien għadu ma ġiex ippreżentat għall-adozzjoni mill-Parlament Grieg, minkejja li l-azzjoni meħtieġa sabiex jitneħħa kompletament in-nuqqas ikkonstatat minn din is-sentenza ma kienet tinvolvi l-ebda diffikultà partikolari.

34 F'dak li jirrigwarda, it-tieni nett, it-tul tan-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu li huwa s-suġġett ta' dan ir-rikors, għandu jitfakkar li għalkemm l-Artikolu 228 KE ma jispeċifikax it-terminu għall-eżekuzzjoni ta' sentenza, madankollu huwa paċifiku li l-implementazzjoni tal-eżekuzzjoni għandha tinbeda mill-ewwel u li għandha twassal għar-riżultati mixtieqa fl-iqsar żmien possibbli (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-4 ta' Ġunju 2009, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja, iċċitata iktar 'il fuq, punt 51).

35 Fil-kawża preżenti, għandu jiġi rrilevat li għaddew 29 xahar mid-data li fiha ngħatat is-sentenza tat-18 ta' Lulju 2007, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja, iċċitata iktar 'il fuq, sad-data tal-pubblikazzjoni, fit-18 ta' Diċembru 2009, tal-Liġi 3811/2009 li tikkonforma 'l-leġiżlazzjoni nazzjonali mad-dispożittiv tal-imsemmija sentenza.

36 Il-ġustifikazzjonijiet invokati mir-Repubblika Ellenika f'dan ir-rigward, li jipprovdu li d-dewmien fl-eżekuzzjoni tal-imsemmija sentenza kien dovut għal diffikultajiet interni marbuta mal-proċess leġiżlattiv u maż-żamma tal-elezzjonijiet qabel iż-żmien, ma jistgħux jintlaqgħu. Hekk kif il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet ripetutament, Stat Membru ma jistax jinvoka dispożizzjonijiet, prattiki jew ċirkustanzi tal-ordinament ġuridiku intern tiegħu sabiex jiġġustifika n-nuqqas ta' twettiq ta' obbligi li jirriżultaw mid-dritt tal-Unjoni (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-4 ta' Ġunju 2009, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja, iċċitata iktar 'il fuq, punt 50).

37 Għaldaqstant, għandu jiġi kkonstatat li n-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu li bih hija akkużata r-Repubblika Ellenika dam għaddej għal perijodu ta' żmien sinjifikattiv.

38 F'dak li jirrigwarda, it-tielet nett, il-gravità tal-ksur, għandu jiġi osservat li n-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu inkwistjoni ppreġudika t-twettiq ta' libertà fundamentali, f'dan il-każ, tal-moviment liberu tal-persuni f'żona komuni ta' libertà, ta' sigurtà u ta' ġustizzja.

39 Fil-fatt, hekk kif jinnota l-Avukat Ġenerali fil-punt 43 tal-konklużjonijiet tiegħu, billi jirreferi għat-tieni premessa tad-direttiva, il-leġiżlatur tal-Unjoni jikkunsidra li l-protezzjoni tal-integrità fiżika ta' ċittadin tal-Unjoni Ewropea li jmur minn Stat Membru għal ieħor tikkostitwixxi l-korollarju tad-dritt tal-moviment liberu tal-persuni u li l-miżuri intiżi sabiex jiġi ffaċilitat kumpens lil vittmi ta' reati previsti mid-direttiva, jikkontribwixxu għat-twettiq ta' din il-libertà.

40 Fid-dawl ta' dak li ntqal qabel, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li, fil-kawża preżenti, ikun ġust li r-Repubblika Ellenika tiġi ordnata tħallas somma f'daqqa.

41 Fir-rigward tal-ammont tal-imsemmija somma f'daqqa, minn naħa, għandu jiġi rrilevat li, minkejja l-kunsiderazzjonijiet esposti fil-punti 33 sa 39 ta' din is-sentenza, ir-Repubblika Ellenika temmet in-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu li hija akkużata bih.

42 Min-naħa l-oħra, għandha tittieħed inkunsiderazzjoni l-kapaċità ta' ħlas tal-imsemmi Stat Membru kif ippreżentata fid-dawl tal-aħħar data ekonomika ppreżentata għall-evalwazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja.

43 Fid-dawl ta' dak li ntqal qabel, tkun saret evalwazzjoni ġusta taċ-ċirkustanzi ta' dan il-każ jekk l-ammont tas-somma f'daqqa li għandu jitħallas mir-Repubblika Ellenika, skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 228(2) KE, jiġi ffissat għal EUR 3 miljun.

44 Għalhekk hemm lok li r-Repubblika Ellenika tiġi kkundannata tħallas lill-Kummissjoni, fil-kont "Riżorsi proprji tal-Komunità Ewropea", somma f'daqqa ta' EUR 3 miljun.

Fuq l-ispejjeż

45 Skont l-Artikolu 69(2) tar-Regoli tal-Proċedura, il-parti li titlef għandha tbati l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu. Peress li r-Repubblika Ellenika tilfet, hemm lok li hija tiġi ordnata tbati l-ispejjeż, kif mitlub mill-Kummissjoni.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **Billi ma addotatatx, fid-data li fiha skada t-terminu stabbilit fl-opinjoni motivata maħruġa fit-23 ta' Settembru 2008 mill-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, taħt l-Artikolu 228 KE, il-miżuri neċessarji għall-eżekuzzjoni tas-sentenza tat-18 ta' Lulju 2007, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja, (C-26/07), ir-Repubblika Ellenika naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 228(1) KE.**

2) Ir-Repubblika Ellenika hija kkundannata tħallas lill-Kummissjoni Ewropea, fil-kont "Riżorsi proprji tal-Komunità Ewropea", somma f'daqqa ta' EUR 3 miljun.

3) Ir-Repubblika Ellenika hija kkundannata għall-ispejjeż.

Firem